

V

(Avviżi)

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7748 — Magna/Getrag)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 390/07)

1. Fit-12 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Magna Internatinal Inc. ("Magna", il-Kanada) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll tal-impriża ETRAG Getriebe- und Zahnradfabrik Hermann Hagenmeyer GmbH & Cie KG kollha kemm hi ("GETRAG", il-Ġermanja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Magna: il-manifattura u l-provvista, fuq livell globali, ta' firxa wiesgħa ta' komponenti tal-karozzi li huma relatai ma' diversi partijiet tal-vettura, fosthom il-body, ix-xażi, il-partijiet esterni, postijiet bilqiegħda, il-propulsjoni, il-elettronika, il-vista, u s-sistemi tal-l-għeluq u s-saqaf;
- għal GETRAG: il-manifattura u l-provvista, fuq livell globali, ta' sistemi ta' trażiġġjoni għall-karozzi tal-passiġġieri, il-vetturi kummerċjali ħsief u l-muturi u l-forniment ta' servizzi ta' wara l-bejgħ relatati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7748 — Magna/Getrag, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).